# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 17 ta' Ġunju 2019**

**Numru 6**

**Ċitazzjoni numru 526/00 LSO**

**Maria Dolores Falzon u b'digriet tas-6 ta' Frar 2001 ġiet ordnata t-trasfużjoni tal-ġudizzju minn Maria Dolores Falzon a favur Catherine mart Carmelo Mifsud u l-istess Carmelo Mifsud u b'digriet tal-1 ta' Ottubru 2001 ġie kkanċellat isem Carmelo Mifsud u l-atti ġew trasfużi f'isem Catherine Mifsud biss**

**v.**

1. **Monica u Michael Konjuġi *Debarro***
2. **Żebbuġ Company Limited għal kull interess li jista' jkollha**

PRELIMINARI:

1. Dan huwa appell ad istanza tal-attriċi mis-sentenza tas-27 ta' Frar 2014 mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li permezz tiegħu qed titlob lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-

konvenuti Debarro u tas-soċjeta` konvenuta Żebbuġ Company Ltd u tilqa' t-talbiet tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati jew min minnhom.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

> "Rat iċ-ċitazzjoni attriċi datata 20 ta' Marzu 2000 ippreżentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn esponiet: -
>
> "Illi l-attriċi hija inkwilina tal-fond 138/139, Triq il-Vitorja, Qormi, liema fond kien amministrat mill-Kurja Arċiveskovili:
>
> "Illi l-istess Kurja Arċiveskovili biegħet il-fond lis-soċjeta` konvenuta b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Antoine Aġius datat 25 ta' Ġunju 1999.
>
> "Illi l-istess soċjeta` konvenuta bi skrittura privata datata 16 ta' Lulju 1999 fil-poter tan-Nutar Carmelo Manġion, ħallset is-somma ta' tletin elf lira Maltija (Lm30,000) lill-konvenuti l-oħra sabiex dawn jirrinunzjaw għall-allegat titolu ta' lokazzjoni li suppost kellhom fuq il-fond fuq indikat.
>
> "Illi l-konvenuti konjuġi Debarro ma għandhom l-ebda titolu ta' lokazzjoni fuq l-istess fond u aġixxew taħt pretensjonijiet foloz u gravi dolentement a skapitu tal-attriċi b'tali mod li s-soċjeta` konvenuta ġiet konvinta tħallas lilhom.
>
> "Illi l-istess somma hija dovuta lill-attriċi *stante* li hija tiddetjeni l-fond fuq indikat b'titolu ta' lokazzjoni, liema flus ġew indebitament perċepiti minflok mill-konjuġi Debarro ad esklużjoni tagħha.
>
> "Illi għalkemm interpellati biex iħallsu l-istess somma lill-attriċi, il-konvenuti baqgħu inadempjenti;
>
> "Jgħidu għalhekk il-konvenuti għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:-
>
> > "1. Tiddikjara illi l-attriċi tiddetjeni b'titolu ta' lokazzjoni l-fond Nru 138/139, Triq il-Vitorja, Qormi u l-flus huma dovuti lilha u mhux lill-konvenuti konjuġi Debarro.
> >
> > "2. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu lill-attriċi s-somma ta' tletin elf lira Maltija (Lm30,000) flus li ġew indebitament

perċepiti mill-konvenuti konjuġi Debarro b'mod frawdolenti; taħt pretensjonijiet foloz a skapitu tagħha.

"Bl-ispejjeż u bl-interessi mid-data tal-preżentata sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti millum inġunti għas-subizzjoni.

"Rat li din il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ mill-Qorti kif diversament presjeduta għas-seduta tal-4 ta' Mejju 2000.

"Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ta' Monica u Michael Debarro datata 31 ta' Mejju 2000 (fol 14) fejn esponew illi :

"1. L-attriċi m'għandhiex interess ġuridiku tipproponi l-azzjoni u konsegwentement l-eċċipjenti għandhom jiġu liberati mill-osservanza.

"2. IIIi fir-rigward tal-ewwel parti tal-ewwel talba, mhuwiex minnu li l-attriċi tiddetjeni b'titolu ta' lokazzjoni l-fond 138/139, Trip il-Vitorja, Qormi. L-attriċi qatt ma ħallset kera. Hija telqet mil-fond fl-1998 u ħadet ħwejjiġha kollha.

"3. Fir-rigward tal-konsegwenzjali tal-ewwel talba, din ma issegwix għaliha. L-esponenti ma kkontrattawx f'isem l-attriċi u l-ftehim li sar huwa *res inter alios acta*.

"4. Fir-rigward tat-tieni talba, din ma treġġix kontra l-eċċipjenti. Apparti li l-ftehim li sar bejn il-konvenuti kien wieħed validu, anke fl-aħjar ipotesi għaliha, l-attriċi m'għandhiex il-jedd minnha mitlub. M'għandhiex jedd li ġudizzjarjament titlob kumpens minħabba rinunzja ta' lokazzjoni jekk tali kumpens ma ġiex kontrattat minnha. Jiġi enfasizzat li l-eċċipjenti ma kkontrattawx f'isem l-attriċi u mhumiex l-mandatarji tagħha.

"5. L-eċċipjenti ma kkommettew l-ebda frodi. L-attriċi tgħix fl-isptar San Vinċenz de Paule u ilha tgħix hemm minn 1998 u meta qabel kienet tgħix fil-fond in kwistjoni hija qatt ma ħallset kera u l-kirja kienet tispetta lill-eċċipjenti. Tant l-attriċi kienet konxja dwar dak li kien qed jiġri illi l-prokuratriċi tagħha ħadet l-oġġetti tagħha kollha mill-fond in kwistjoni. Huwa relevanti f'dan ir-rigward illi l-indirizz li l-attriċi tat fuq iċ-ċitazzjoni mhux l-indirizz tagħha iżda huwa l-indirizz tal-konjuġi Mifsud.

"6. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

"Rat ir-rikors ta' Catherine mart Carmelo Mifsud u l-istess Carmelo Mifsud għal kull interess li jista' ikollu datat 2 ta' Frar 2001 (fol 22) fejn l-esponenti talbu lill-Qorti jogħġobha tordna t-trasfużjoni tal-ġudizzju fil-persuna tar-rikorrenti konjuġi Mifsud u dan taħt kull provvediment li jogħġobha timponi.

“Rat in-nota ta’ eċċezzjonijiet tas-soċjeta` konvenuta Żebbuġ Company Limited datata 5 ta’ Frar 2001 a fol 30 tal-proċess fejn esponew: -

“Illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjes *stante* illi l-kawża minnha proposta mhix legalment sostenibbli billi ma hemmx talba sabiex tiġi annullata l-imsemmija skrittura datat 16 ta’ Lulju 1999 (fejn l-esponenti taħseb li saret indikazzjoni ħażina tad-data li għandha tkun dik tas-16 ta' Awwissu 1999).

“Illi *oltre* dan l-attriċi qiegħda titlob illi tingħata s-somma ta' tletin elf lira (Lm30,000) mingħajr ma qiegħda tiddikjara illi b'hekk hija ser tirrinunzja għall-allegat lokazzjoni tagħha.

“Illi l-esponenti ma tistax tiġi kkundannata li tħallas ebda ammont lill-attriċi *stante* li ma hemm ebda relazzjoni ġuridika bejniethom.

“Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

“Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ Frar 2001 miżmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn Dr. Joseph Bonniċi b’referenza għar-rikors ta’ Catherine u Carmel miżżewġin Mifsud tat-2 ta’ Frar 2011 għarraf lill-Qorti li l-wirt tal-attriċi Maria Falzon huwa regolat b’ testment tal-21 ta’ April 1999 f’atti tan-Nutar Mark Anthony Sammut, u mir-riċerka li laħaq għamel deher li dan hu l-aħħar testment tagħha. Il-Qorti kif diversament presjeduta rat l-Art 806 tal-Kap 12 u laqgħet it-talba tar-rikorrenti miżżewġin Mifsud u ordnat it-trasfużjoni tal-ġudizzju f’ isimhom.

“Rat ir-rikors ta’ Monica Debarro et datat 25 ta’ Ġunju 2001 a fol 179 tal-proċess fejn talbet illi jiġi modifikat id-digriet li permezz tiegħu saret trasfużjoni tal-ġudizzju u dan billi jiġi kanċellat isem Carmelo Mifsud ħalli l-atti jkunu trasfużi f’ isem Catherine Mifsud; u l-Qorti kif diversament presjeduta laqgħet it-talba kif jidher bid-digriet mogħti fl-1 ta’ Ottubru 2001.

“Rat id-digriet mogħti mill-Qorti kif diversament presjeduta datat 2 ta’ Mejju 2003 fejn il-Qorti : *“Tiċħad it-talba tal-attriċi fir-rikors tagħha tad-9 ta’ Ottubru 2001 u dan bla ħsara għal kull rimedju mogħti lill-istess żewġ ir-rikorrenti biex iħares kif imiss l-interessi tiegħu fil-vertenza.”*

“Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-attriċi datata 12 ta’ Diċembru 2006 a fol 372 tal-proċess.

“Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ Monica u Michael konjuġi Debarro datata 2 ta’ Frar 2007 a fol 418 tal-proċess.

“Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta’ Frar 2007 miżmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn Dr. Peter Borġ Costanzi talab lill-Qorti li tippermetti li l-konvenuti Debarro jressqu kopja taċ-ċedola tad-depożitu msemmija fix-xhieda tal-konjuġi Debarro iżda bi żvista ma jinsabux fil-

proċess. Dr. Joseph P. Bonniċi ħalla f'idejn il-Qorti biex tipprovdi dwar it-talba. Il-Qorti wara li rat l-Art. 642, laqgħet it-talba u awtorizżat lill-Avukati tal-konvenuti jressqu id-dokument b'nota. Min-naħa tagħhom l-Avukati ddikjaraw illi ma fadlilhomx sottomissjonijiet xi jżidu ma' dawk magħmula. Għalhekk il-Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza għall-31 ta' Mejju 2007; u l-verbali tas-seduti l-oħra kollha nkluż dak tad-29 ta' Novembru 2012 fejn b'ordni tal-Qorti kif diversament presjeduta l-kawża ġiet differita għas-sentenza għas-16 ta' April 2013.

"Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

"Rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2013 b'ordni tal-Qorti din il-kawża ġiet differita għas-27 ta' Frar 2014 għall-istess skop tal-verbal preċedenti.

"Ħadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

"**II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

"Permezz ta' din il-kawża, l-attriċi qed tressaq talba sabiex tiġi rikonoxxuta li hija l-inkwilina tal-fond 138/139 Triq il-Vitorja Qormi. *Inoltre* qed tirreklama l-ħlas tas-somma ta' Lm30,000 li tħallsu mis-soċjeta` konvenuta lill-konvenuti Debarro fuq skrittura privata datata s-16 ta' Lulju 1999 fil-poter tan-Nutar Charles Manġion, sabiex dawn jirrinunzjaw għal allegat titlu talokazzjoni li kienu qed jgħidu li kellhom fuq l-istess fond meta l-istess attriċi ssostni li hija l-inkwilina u mhux il-konvenuti Debarro.

"Il-konvenuti Debarro oġġezzjonaw għal din it-talba peress li l-attriċi m'għandhiex interess ġuridiku biex tipproponi din l-azzjoni. Huma ma jaqblux li kellha titlu ta' lokazzjoni fuq il-fond imsemmi peress li kienet telqet mill-fond fis-sena 1988 u ħadet ħwejjiġha kollha. Meta ikkuntrattaw mas-soċjeta` konvenuta, dan għamluh f'isimhom u mhux bħala mandanti tagħha. Il-ftehim kien wieħed validu u l-ftehim ta' kumpens ġie ikkuntrattat magħhom u mhux mal-attriċi. B'hekk l-eċċipjenti jsostnu li l-attriċi m'għandhiex dritt għall-kumpens. *Inoltre* jiċħdu li kkommettew xi frodi.

"Is-soċjeta` intimata **Żebbuġ Company Limited** ukoll oġġezzjonat għat-talbiet billi l-attriċi naqset milli titlob li l-iskrittura tiġi annullata u, *inoltre*, billi qed titlob il-ħlas tas-somma li ġiet mgħoddija b'kumpens mingħajr ma tiddikjara li hija sejra tirrinunzja għall-allegat lokazzjoni tagħha. *Inoltre* eċċepiet li ma hemmx relazzjoni ġuridika bejnha u l-attriċi.

"Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. Il-fond 138/139 Triq il- Vitorja, Qormi kien okkupat mill-familja Formosa, u ċioe`, Monica Debarro, ħutha inkluż Catherine Mifsud nee Formosa, u l-ġenituri tagħhom f'parti, mill-

attriċi li kienet xebba, f'parti oħra, u minn zijuhom George (ġuvni) f'parti oħra. Theresa Formosa mietet fil-25 ta' Novembru 1991. George Formosa kien premorjenti, u ħut il-konvenuta eventwalment telqu mid-dar. Baqgħu jgħixu fil-fond Joseph Formosa, armel minn Theresa Formosa, l-attriċi u Monica Debarro flimkien ma' żewġha u wliedhom. Joseph Formosa miet fis-sena 1996. F'April 1998 l-attriċi telqet mir-residenza msemmija u ġiet rikoverata fl-Isptar tal-anzjani f'San Vincent de Paule. B'Att tan-Nutar Dottor Antoine Aġius tal-25 ta' Ġunju 1999 (fol.43), sid il-fond, l-Amministratur tal-Enti Reliġjużi Djocesani għan-nom tal-Parroċċa ta' San Ġorġ, Qormi, biegħu lil Joseph u Carmen konjuġi Gaffarena. B'skrittura privata li saret quddiem in-Nutar Dottor Charles Manġion fis-16 ta' Lulju 1999 (**DOK CM1** a fol. 211-214) il-konjuġi Debarro irrinzunjaw għall-inkwilinat u tħallsu Lm30,000 in kontrakambju mis-soċjeta` konvenuta kif irrappreżentata minn Joseph Gaffarena.

"**Provi Prodotti**

"Xehed **Carmelo Mifsud**[1] u ta inkwadratura ta' min kien jabita fil-fond in kwistjoni. Martu Catherine Mifsud nee Formosa, kienet toqgħod f'parti mill-fond in kwistjoni mal-ġenituri tagħha u ma' ħutha. L-attriċi hija zijitha (xebba) u kienet toqgħod f'parti oħra tal-fond filwaqt li zijuha George, (ġuvni) kien joqgħod fir-rimanenti parti. Wara li żżewġu fis-sena 1975 hu u martu marru jgħixu f'post ieħor. Hekk għamlu ħutha. Zijuha miet sena wara.

"Il-konvenuta Monica Debarro hija oħtha u meta żżewġet fis-sena 1987 baqgħet toqgħod fil post ma' żewġha, il-konvenut Michael Debarro. Fis-sena 1991, meta mietet omm il-mara, kienu baqgħu fil-fond l-attriċi, missier il-mara, u l-familja Debarro. Missier il-mara miet fl-4 ta' Marzu 1996 u fil-5 ta' Marzu ta' dik is-sena, il-familja Debarro marru jabitaw ġo fond il-Ħamrun. L-attriċi biss baqgħet tgħix fil-fond sal-21 ta' April 1998 meta ġiet trasferita għal San Vinċenz de Paule wara li kienet waqgħet.

"Fis-17 ta' Lulju 1999 ċemplitlu l-konvenuta u għarrfitu li kienet għamlet kuntratt ma' Joseph Gaffarena u tagħtu l-pussess tal-fond kollu mill-għatba 'l ġewwa nkluż il-parti fejn kienet toqgħod l-attriċi u li dan kien taħa ċekk ta' Lm30,000. Hi qalet li hi biss kellha x'taqsam mal-fond.

"Martu kienet prokuratriċi ta' Maria Dolores Falzon u fl-1 ta' Awwissu 1999 għamel katnazz mal-parti fejn kienet tokkupa hi u waħħal tabella mal-bieb "*Private.*" Meta, fit-3 ta' Awwissu 1999 mar ma' martu biex iġibu xi ħwejjeġ tal-attriċi sabu li Monica Debarro biddlet is-serratura tal-bieb ta' barra. Fis-6 ta' Awwissu 1999 marru fuq il-post u sabu lil Joseph Gaffarena u persuni oħra qed jarmu l-għamara u affarijiet oħra minn ġot-twieqi għal ġo trakk. Hu għandu *video* u ritratti tal-oġġetti li kienu jappartjenu lill-attriċi li kien għamlu meta martu saret prokuratriċi.

---

[1] Affidavit a fol. 78 tal-process

“Dwar il-ftehim ma' Joseph Gaffarena qal li dan kien ikkomunika ma’ ħut il-mara biex jiltaqa' magħhom u jiftiehem fuq il-pussess tal-post tas-sehem ta' ommhom (Theresa Formosa) biss. Meta saret prokuratriċi martu infurmaw lil Gaffarena li ftehim li jirrigwarda liz-zija kellu jsir ma' martu Catherine Mifsud. Offrilhom Lm30,000 għas-sehem ta' Theresa Formosa u meta saqsewh dwar is-sehem ta' Maria Dolores Falzon, qalilhom li kien qed joffri Lm30,000 għall-pussess tal-post kollu u kellhom jirranġaw huma ma' Maria Dolores Falzon.

“Qal li għamel enfasi fuq Monica Debarro li titkellem biss fuq is-sehem ta' ommha ma' Joseph Gaffarena u hekk qaltlu li għamlet. Imma qal li fis-16 ta' Lulju 1999 il-konvenuti Debarro kellmuħ u qalulu li Gaffarena ried iħallas Lm30,000 għall-pussess "*mill-għatba ‘l ġewwa"* inkluż fejn kienet toqgħod zijithom. Gaffarena qalilhom li l-ftehim jispiċċa jekk ma jaċċettawx. Michael Debarro qallu li jekk zijithom tilħaq tmut kulħadd jibqa' b'xejn.

“Skont ix-xhud, Debarro propnewlu li jħallsu Lm10,000 għas-sehem tal-attriċi u hu aċċetta, kif ukoll li s-sehem ta' martu mill-porzjoni dovut għal Theresa Formosa kienet ser tinżel għal Lm4,000 minflok Lm6,000.

“Ix-xhieda tiegħu ġiet ikkorroborata minn martu **Catherine Mifsud** f'affidavit a fol. 84.

“**In kontro eżami**[2] qal li qatt ma ħallas kera għall-fond in kwistjoni. Ma’ Gaffarena kien qed jiddiskuti għal sehem omm il-mara, cioe` Theresa Formosa li mietet fil-25 ta' Novembru 1991. Fiż-żmien li kienu għaddejjin in-negozjati ma’ Gaffarena b'effett minn Novembru 1998, martu kienet prokuratriċi ta' Maria Dolores Falzon. Kien għarraf lill-attriċi personalment b'dawk in-negozjati f'Jannar 1999.

“Ma kienx ma’ l-attriċi meta fetħet din il-kawża iżda l-ġurament ittieħed fl-Isptar San Vinċenz de Paule fil-preżenza tiegħu u ta' martu. Għalkemm ma kienx ra l-iskrittura privata qabel ma ġiet esebita f'din il-kawża, qal li kien jaf x'kien hemm ġo fiha minn dak li qaltlu Monica Debarro.

“Ikkonferma li Monica Debarro ma kenitx il-prokuratriċi ta' Maria Dolores Falzon f'Lulju 1999. Madanakollu kien għad hemm ħwejjeġ personali tal-attriċi fil-fond. Ħareġ l-ilbies u għamara tagħha mid-dar xi ġranet wara li ġiet iffirmata l-iskrittura u meta mar biex joħroġ oġġetti oħra sab is-serratura mibdula.

“Mistoqsi jekk għamel proposta li l-flus kellhom jinqasmu kwantu għal Lm6,000 kull wieħed għalih, għal Carmelo Formosa, Lm2,500 għal Joseph Formosa, Lm2,500 għal Paula Axiaq, Lm8,000 għal Monica Debarro u Lm5,000 bejn Carmelo Formosa, Monica Debarro u Carmelo Mifsud wieġeb li l-proposta saret li Monica Debarro, Carmelo Formosa

[2] Seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-20 ta' Jannar 2004 a fol. 247 *et.seq.* tal-process.

u hu jieħdu Lm6,000 kull wieħed u l-kumplament jinqasam kif tiddeċiedi Monica Debarro.

"**Catherine Mifsud** xehdet **in kontro eżami**[3] u kkonfermat li saret prokuratriċi ta' Maria Dolores Falzon fil-21 ta' Diċembru 1998 bi prokura ġenerali ffirmata quddiem in-Nutar Dottor Mark Anthony Sammut f'San Vinċenz de Paule. Monica Debarro kienet preżenti. L-attriċi baqgħet residenti f'San Vinċenz sakemm mietet. Ma kenitx preżenti waqt id-diskussjonijiet ma' Gaffarena. Ma kenitx taf meta kien qed isir il-kuntratt għaliex kienet tippretendi li tkun preżenti bħala prokuratriċi ta' zijitha.

> ""*Jiena qatt ma offrejt il-kera tal-post f'isem iz-zija, lanqas tfajt jew qiegħedt xi flus u depożitajt il-kera f'isem iz-zija...Ma nafx jekk iz-zija qattx ħallset kera tal-post..Il-post kien b'titolu ta' kera f'idejn ħuha l-kbir li kien jgħix ukoll fil-post qabel. Meta telaq ma nafx imbagħad iz-zija...baqgħetx tgħix fil-post bħala xebba..Irċevuti ta' xi ħlas ta' kera magħmulin miz-zija fil-post jiena ma sibtx...Naf li kemm iz-zija u kemm ommi kienu jitfgħu l-flus tal-kera taħt l-Awtorita' tal-Qorti.*""

"Hija wirtet lill-attriċi. Madanakollu qatt ma kienu bdew jinħarġu l-affarijiet ta' zijitha qabel ma sar il-ftehim.

"Xehed **John Axiaq**[4]**,** ħaten Catherine Mifsud u Monica Debarro u qal li l-konvenuti Debarro ma baqgħux joqgħodu fil-fond minn Marzu 1996. Kienet tgħix hemm biss l-attriċi. Dan ġie kkonfermat minn martu (affidavit a fol. 157). In **kontro eżami**[5] qal li kien għamel żmien jaħdem l-għalqa biswit il fond in kwistjoni. Wara li nbiegħet l-għalqa, Michael Debarro talbu ċ-ċwievet, tahomlu."*Jien tajt iċ-ċwievet lil Michael Debarro għax hu kien joqgħod hemm."* Beda jaħdem l-għalqa wara li miet missier martu u ħa l-permess mingħand Monica Debarro li tatu wkoll iċ-ċavetta biex ikun jista' jidħol. "*Meta talabni ċ-ċavetta (Michael Debarro) tgħajtielu.."* u dan meta z-zija ta' martu kienet rikoverata f'San Vinċenz.

"Xehed in-**Nutar Mark Anthony Sammut**[6] u esebixxa żewġ testmenti ta' Maria Dolores Falzon datati 18 ta' Diċembru 1998 (**DOK MS1**)[7] u l-21 ta April 1999**(DOK MS2).** Reġa' xehed[8] u kkonferma li t-testmenti saru fl-iSptar San Vinċenz de Paule u dan għaliex it-testatriċi kienet residenti l-iSptar. Riferibbilment għat-tieni testment hemm indikat li r-residenza tat-testatriċi hija Ħal Qormi mentri qal li kienet tirrisjedi f'San Vinċenz. Ikun biddel l-indirizz indikat bħala r-residenza tat-testriċi għaliex ikun qagħad fuq id-dikjarazzjoni tagħha u fit-tieni testment ma

[3] Seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-29 ta' April 2004 a fol. 255 *et.seq.* tal-process.
[4] Affidavit a fol. 156
[5] Seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-20 ta' Jannar 2005 a fol. 271 *et.seq.* tal-process.
[6] Seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-15 ta' Gunju 2001 a fol. 167 *et.seq.* tal-process.
[7] Fol 138-139
[8] Seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-25 ta' Settembru 2003 a fol. 231 *et.seq.* tal-process.

kienx hemm indikazzjoni tal-Karta tal-Identita`. Kienu preżenti n-neputijiet għat-tieni testment. Qal li mill-memorja kienu preżenti għaż-żewġ testmenti Monica Debarro u Catherine Mifsud.

“Xehed **Noel Scerri**[9] li kkonferma li s-servizz tat-telefon f'Ħal Qormi intestat f'isem l-attriċi tneħħa fis-sena 1998. Sussegwentement xehed **David Buttiġieġ**[10] u qal li bejn 1996 sal-1999 il-kont tat-telefon fuq 3 Triq Nuzzo l-Ħamrun kien reġistrat f'isem Michael Debarro.

“Xehed **Emmanuel Cumbo**[11] u qal li 139 Liberty, Triq il- Vitorja, Qormi hija reġistrata f'isem George Mintoff.

“Xehed **in-Nutar Dottor Charles Manġion**[12] u esebixxa kopja tal-iskrittura privata bejn Żebbuġ Company Limited u Michael u Monica Debarro (**DOK CM1**) (fol. 216-217) u qal li biha l-imsemmija miżżewġin Debarro irrinunzjaw il-kirja tal-post 138/139 Triq ir-Rebħa, Ħal Qormi u tħallset konsiderazzjoni għal din ir-rinunzja.

“Ġiet ippreżentata traskrizzjoni tal-**kontro eżami** ta' Antonia Ciappara fil-kawża "*Maria Dolores Falzn v Antonia Ciappara - Cit 1053/99 GCD)* awtorizzata minn din il-Qorti kif diversament presjeduta f'dawn il-proċeduri b'Digriet tad-19 ta' April 2005 (fol 278). Ciappara xehdet li kienet iddur mal-attriċi odjerna u baqgħet iddur biha wara li Monica Debarro marret tgħix il-Ħamrun.

“Xehdet il-konvenuta **Monica Debarro**[13] u qalet li l-kera kienet titħallas minn ommha sakemm kienet ħajja u titqiegħed taħt l-Awtorita' tal-Qorti. Meta mietet ommha, il- kera baqa' jiġi depożitat f'isem missierha li kien għadu ħaj u kienet toħroġhom hi. Missierha miet fis-sena 1996. "*L-ewwel ċedola wara l-mewt ta' missieri u minn dakinhar 'l hemm il-kera deher li qed jiġi depożitat minni."* L-attriċi kienet oħt ommha. Meta miet missierha kienet għadha qed toqgħod fil-post ma’ żewġha u wliedha.

“L-attriċi wkoll baqgħet toqgħod fil-post sakemm iddaħlet l-iSptar fil-bidu tas-sena 1998 u sussegwentement fil-21 ta’ April 1998 ittieħdet f'San Vinċenz de Paule. Kellha timxi b’għajnuna u ma setgħetx tirritorna Ħal Qormi għaliex il- post ma kienx addattat għaliha. "*Kemm damet toqgħod fid- dar ta' Ħal Qormi Dolores Falzon qatt ma ħallset kera."*

---

[9] Seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-15 ta' Gunju 2001 a fol. 170 *et.seq.* tal-process.

[10] Seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tatl-23 ta' Jannar 2003 a fol. 204 *et.seq.* tal-process.

[11] Seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-15 ta' Gunju 2001 a fol. 174 *et.seq.* tal-process.

[12] Seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tas-7 ta' Mejju 2003 a fol. 218 *et.seq.* tal-process.

[13] Seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-21 ta' April 2005 a fol. 323 *et.seq.* tal-process.

“Rigward il-ftehim ma' Joseph Gaffarena, hi u ħuha Carmel kienu jitlaqgħu fid-dar ta' Catherine Mifsud biex jiddiskutu qabel il-laqgħat li kellhom ma' Gaffarena. Carmel Mifsud kien ukoll preżenti.

“Ħuha Carmel kien preżenti waqt l-iskrittura tas-16 ta' Lulju 1999 izda ma ffirmatx għaliex qaltlu li zijitha kienet għadha qed toqgħod fid-dar. Wara li kellimha n-Nutar marret issib lil Carmel Mifsud li saqsiha jekk sehemu ta' Lm6,000 kienx għadu jghodd. Hi weġbitu li sehemu għadu jgħodd u qalilha biex "*inġiblu xi ħaġa għaz-zija Dolor u niffirma. Is-sehem li kien qalli biex niffirma għaz-zija Dolor kien ta' elf lira."* Ftit wara ġie sabha ħuha Carmel Formosa u qalilha biex tmur tiffirma.

“Wara li ffirmaw bdew iġorru l-għamara. F'dak iż-żmien l-attriċi kellha għamara fil-post.

“Dakinhar li sar il-kuntratt tas-16 ta' Lulju 1999 "*sitta minn nies kellhom kopja taċ-ċavetta tal-post ta’ Ħal Qormi, jien u żewġi, oħti Catherine u żewġha Carmelo, Pauline u John Axiaq."* Meta mietet ommha, missierha kien biddel is-serratura tal-bieb u ta ċavetta lilha u lil żewġha, lill-attriċi u żamm waħda għalih. Kienet il-konvenuta li tat ċavetta lil Pauline Axiaq peress li kienet tiġi ta’ spiss ħdejha. Kienet hi wkoll li tat ċavetta lil Catherine u Carmel Mifsud. L-ispejjeż tad-dawl u ilma kienet tħallashom hi.

“Kompliet tixhed[14] li dakinhar li kkonsenjat iċ-ċwievet lil Gaffarena hu, flimkien magħha u żewġha u ħuha Carmelo telgħu fl-ambjenti tad-dar inkluż il-parti fejn kienet tabita zijitha. Hemmhekk kull ma rat kienu erba’ boroż tal-*plastic* issiġġillati, gwardarobba, żewġ imwejjed żgħar, vetrina żgħira, żewġ sodod u diversi oġġetti mitluqin fuq waħda mill-imwejjed bħallikeku m'għandux bżonnhom. Xhur qabel kienet akkompanjat lill-konjuġi Mifsud u dawn ħadu *video* ta’ dak li kien hemm u kien hemm iżjed oġġetti.

“Xehdet **in kontro eżami** u qalet li ma kinetx għarrfet lil zijitha bin-negozjati li kienu qed isiru ma' Gaffarena. Zijitha kienet minn dejjem toqgħod fl-ambjenti tagħha fid-dar ta' Ħal Qormi sa minn meta x-xhud kienet tifla. Iċ-ċwievet ta' dawn l-ambjenti kienu f'idejn zijitha. Meta daħlet ma' Gaffarena fil-kmamar ġja okkupati minn zijitha ma setgħux jidħlu u Gaffarena sforza l-bieb.

“Minkejja li qalet li telqu definittivament mill-post ta' Ħal Qormi f'nofs is-sena 1998 kienu jużaw il-post tal-Ħamrun kuljum.

“Xehed **Michael Debarro[15]** u qal li ma kienx involut fin-negozjati ma’ Joseph Gaffarena. Dawn kienu qed isiru minn martu megħjuna minn Carmel Formosa u Carmel Mifsud. Mar għand in-Nutar Manġion biex

[14] Seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tas-6 ta' Ottubru 2005 a fol. 331*et.seq.* tal-process.
[15] Affidavit a fol. 343

jiffirma u dan qalilhom li peress li kienu qed iħallsu l-kera huma, Gaffarena kellu x'jaqsam biss miegħu u ma' martu.

"Qal ukoll li akkompanja lil martu biex titkellem ma Carmel Mifsud u għamlithielu ċara li kienu qed jitkellmu għall-interessi tagħhom biss. "*Meta qaltlu hekk Mifsud qalilha biex wara li niffirmaw il-kuntratt intuħ kopja biex imbagħad ikun jista' jħarrek lil Gaffarena."*

"Spiċċaw li ffirmaw il-kuntratt u l-għada infurma b'dan lil Carmel Mifsud. Dan talbu Lm10,000 għas-sehem ta' Dolor Falzon u Lm6,000 għalih, li ġie rifjutat.

"Huma ġarrew kompletament mid-dar ta' Ħal Qormi meta għamlu l-ftehim ma' Gaffarena.

"**In kontro eżami**[16] qal li t-tletin elf kienu għadhom ma tqassmux. Il-ftehim oriġinali kien li dawn jinqasmu bejn l-aħwa iżda wara li ħadu parir dak ir-rikavat ma nqasamx.

"Għalkemm ma kienx jaf il kwoti kien jaf li ma kienux serjin jinqasmu fi kwoti indaqs bejn l-aħwa. L-isem taz-zija qatt ma ssemma'. Ftakar ukoll li Carmelo Mifsud kien ippropona li sehem martu kellu jkun Lm6,000.

"Wara li ffirmaw il-kuntratt kienu marru jfittxu lil Carmel Mifsud biex jagħtuh sehemu iżda dan ma riedx biss Lm6,000 imma wkoll Lm10,000 bħala sehem tal-attriċi.

"Xehed **Paul Busuttil**[17] in rappreżentanza ta' Maltacom plc u pproduċa *statement* dwar is-servizz telefoniku f'isem Monica Debarro fuq l-indirizz tal-fond in kwistjoni. Dan tneħħa fid-19 ta' Frar 1998 fuq talba tagħha stess.

"Xehed **Carmel Formosa**[18] u qal li wara li mietet ommu, kien missieru li kien jiddepożita l-kera l-Qorti u kienet tmur oħtu Monica għand l-Avukat. Ikkonferma li oħtu Monica Debarro, żewġha u wliedhom baqgħu jabitaw fil-fond wara li miet missieru u oħtu kienet tħallas il-kera. Zijtu qatt ma ħallset flus jew kera. Sar jaf li Joseph Gaffarena kien xtara il-fond. Dak iż-żmien kienu jgħixu biss fil-fond il-familja Debarro peress li Maria Dolores Falzon kienet ġja marret fl-Isptar San Vinċenz de Paule.

"Wara li ltaqgħu ma' Gaffarena, hu, Monica, George Micallef (ħaten Carmel Mifsud) u Carmel Mifsud ftehmu li jitlobu Lm7,8000 bħala kumpens iżda Gaffarena l-ewwel offra Lm6,000, imbagħad Lm10,000 u mbagħad tela' għal Lm20,000 u xorta ma ftehmux.

---

[16] Seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tas-16 ta' Mejju 2006 a fol. 358 *et.seq.* tal-process.
[17] Seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-1 ta' Frar 2006 a fol. 348 *et.seq.* tal-process.
[18] Affidavit a fol. 353

“Gaffarena ħeġġu biex jiftehmu għaliex hu u s-soċji tiegħu ma riedux joħorġu flus u xorta kienu ser jibqgħu għaddejjin bil-proġett. Fit-30 ta’ Jannar 1999 hu, Carmel Mifsud u Monica Debarro iltaqgħu ma Gaffarena u hu żied l-offerta għal Lm30,000 iżda ma aċċettawħx. "*Dakinhar għamilniha ċara li ma konnhiex qed nitkellmu għan-nom ta' Maria Dolores Falzon u minn jeddu Gaffarena qalilna biex naqbdu Lm1,000 u ntuhomlha bona grazzja.*"

“Qal li saru diversi laqgħat bejn Frar u Lulju 1999 u Gaffarena żamm ferm mal-offerta ta' Lm30,000.

“Akkompanja lill-konjuġi Debarro għand in-Nutar Manġion u dan staqsa lil oħtu min kien qed iħallas il-kera u hi wieġbet li hi kienet qed tħallas il-kera biss. In Nutar qalilha li hi biss kienet intitolata u l-ftehim jista' isir magħha biss. Meta semgħet dan id-diskors ma riedetx tiffirma dak il-ħin u riedet tieħu parir mingħand Carmel Mifsud.

> “"*Sa dakinhar il ftehim bejni u bejn oħti kien li Lm30,000 jinqasmu bejn l-aħwa Formosa bl-esklużjoni ta' Georgina. Wara l-kuntratt Monica nfurmatni li Carmel Mifsud ried Lm10,000 għas-sehem ta' Dolor u hi ma aċċettatx...mit- Lm30,000, kieku Carmel Mifsud ma biddilx id-diskors, Dolor kienet ser tieħu Lm1000...ex gratia u buona volonta.*"”

“In **kontro eżami** qal[19] li l-post tal-Ħamrun kien f'idejn oħtu qabel is-sena 1999, imma sal-1999 kienet tabita Ħal Qormi. Carmel Mifsud kien preżenti għal xi tliet laqgħat ma’ Gaffarena. Meta ffirmat il-kuntratt oħtu kien preżenti. "*Lil ħuti l-oħra konna għednielhom pero` eliġibbli biex tiffirma l-kuntratt kienet oħti biss. Jien ngħid għalija anke jiena, mort biex inkun preżenti.*"

“Il-mod kif kellu jinqasam it-Lm30,000 kien iddeċidiha Carmel Mifsud għaliex kien "*ħareġ karta u qasam dawn it-tletin elf lira b'dan il-mod: Lm6,000 f'idejja, Lm2,500 kull wieħed lil oħti Pauline u lil ħija Joseph, Lm6,000 lil Catherine Mifsud, Lm8,000 lil Monica u l-bqija Lm5,000 kellhom jinqasmu ugwalment bejni, Monica u l-attriċi Catherine.*"

“**<u>Apprezzament tal-Provi</u>**

“Jirriżulta mhux ikkontestat u anke ppruvat li l-attriċi kienet tgħix fil-fond mertu ta' din il-kawża flimkien mal-familja Formosa, li huma l-ġenituri tal-konvenuti Debarro u ta' Catherine Mifsud, u ma' George Formosa. L-attriċi u George Formosa rispettivament kienu xebba u ġuvni. Jirriżulta wkoll paċifiku mix-xhieda prodotti miż-żewġ kontendenti li Maria Dolores Falzon telqet definittivament mill-fond f'April 1998[20] u għalkemm esprimiet ix-xewqa li tirritorna, dan ma seħħx u ma kienx ser jiġi attwat *stante* l-istat fiżiku ta' saħħitha.

[19] Seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tad-19 ta' Ottubru 2006 a fol. 367 *et.seq.* tal-process.
[20] Ara ad.ez. ix-xhieda tan-Nutar Dottor Mark Sammut a fol. 167 et seq.

“Illi l-qofol kollu tal-kawzali u tat-talbiet attriċi jirrisjedi fil-pretensjoni li hi tivvanta ta' dritt lokatizju. Dan joħroġ b'mod ċar mill-ewwel premessa fiċ-ċitazzjoni tagħha u hija l-pern sottostanti kull talba. Tant hu hekk li tgħid li l-ammont li rċevew il-konvenuti Debarro fuq il-kuntratt ma kienx dovut lilhom, peress li din is-somma ta' tletin elf lira Maltija (Lm30,000) tħallset "*lill-konvenuti l-oħra sabiex dawn jirrinunzjaw għall-allegat titolu ta' lokazzjoni li suppost kellhom fuq il-fond fuq indikat*." Sussegwentement tippremetti li "*l-konvenuti konjuġi Debarro ma għandhom l-ebda titolu ta' lokazzjoni fuq l-istess fond u aġixxew taħt pretensjonijiet foloz u gravi dolentement a skapitu tal-attriċi "stante*" li hija tiddetjeni il-fond fuq indikat b'titolu ta' lokazzjoni."

“Illi għalhekk, il-kwistjonijiet kollha li tqajmu bejn il-kontendenti għandhom jiġu riżolti wara li jiġi determinat min minnhom kellu l-jedd ta' inkwilinat għall-fond. Galadarba stabbilit dan it-titlu, jistgħu jiġu determinati mhux biss is-siwi tat-talbiet attriċi imma wkoll tal-eċċezzjonijiet issolevati.

“Fil-kors tal-proċeduri, ġew esebiti kopji ta' ċedoli ta' depożitu ta' kera mill-konvenuti (fol 405 et seq). Dawn isejħu lil Theresa Formosa (omm il-kontendenti Monica Debarro) (perjodi ta' kera bejn l-1983 u l-1992 imħallsin bil - quddiem); Joseph Formosa, l-armel (depożiti li saru mis-sena 1993 sal-1996) lill-konvenuta Monica Debarro, binthom li kienet qed tgħix ma' Joseph Formosa meta miet (mis-sena 1996 - 1998 (fol 414-416)).

“Il-Qorti tqis li dawn iċ-ċedoli huma suffiċjenti biex jipprovaw mingħajr l-ebda ombra ta' dubju li t-titlu ta' lokazzjoni kienet vestita f'Monica Debarro.

“Dan hu konsonanti mad-dispożizzjoni stess tal-Liġi **(Kap.69)** li tiddefinixxi l-"kerrej" bħala:

> *“"(a) l-armla jew l-armel ta’ kerrej basta li r-raġel u l-mara, fiż-żmien tal-mewt tal-kerrej, ma jkunux, legalment jew fil-fatt, mifrudin minn xulxin;*
>
> *““(b) fil-każ ta’ dar ta’ abitazzjoni, meta l-kerrej ma jħallix warajħ armla jew armel, dawk il-membri tal-familja tal-kerrej li jkunu joqogħdu miegħu fiż-żmien tal-mewt tiegħu;"”*

“Dan l-apprezzament tal-Qorti hu wkoll sorrett mill-provi prodotti. M'għandux ikun hemm kontrast li l-inkwilinat ġie vestit f'Joseph Formosa wara l-premorjenza ta' martu, Teresa Formosa. Peress li meta miet, Monica Debarro kienet għadha qed tgħix fil-fond, il-kirja daret fuqha.

“L-attriċi ittentat tipprova li l-familja Debarro kienu telqu mill-fond ġja qabel il-mewt ta' Joseph Formosa peress li xtraw appartament il-Ħamrun. Iżda dwar dan jirriżulta li s-servizz telefoniku reġistrat f'isem

Monica Debarro ġie terminat biss fis-sena 1998,[21] cioe`, wara l-mewt ta' Joseph Formosa fejn hi, allura, ġja akkwistat il-jedd tal-inkwilinat. *Inoltre* għalkemm Monica Debarro ammettiet li kienu jużaw il-fond tal-Ħamrun, kemm hi u kemm żewġha, kif korroborat mix-xhieda ta' Carmelo Formosa, ħuha, baqgħu jsostnu li r-residenza prinċipali tagħhom kienet f'Ħal Qormi. Difatti ma jirriżultawx provi soddisfaċenti li hi telqet mill-fond ta' Ħal Qormi qabel ma miet missierha imma biss wara l-mewt tiegħu. **Carmel Mifsud** stess qal li l-famija Debarro telqu l-għada tal-mewt ta' Joseph Formosa (ara Affidavit tiegħu a fol. 78). (sottolinear tal-Qorti).

"Apparti dan kollu, mhux ikkontestat li Maria Dolores Falzon qatt ma ħallset kontribut għall-kera. Dan ammettietu Catherine Formosa stess,[22] prokuratriċi u werrieta ta' Maria Dolores Falzon, meta xehdet li "*Jiena qatt ma offrejt il kera tal-post f'isem iz-zija, lanqas tfajt jew qiegħedt xi flus u depożitajt il-kera f'isem iz-zija...Ma nafx jekk iz-zija qattx ħallset kera tal-post..."*

"**John Axiaq** ikkorrobora x-xhieda tal-konvenuta fis-sens li qal li ħa ċ-ċwievet biex jaċċedi għall-għalqa biswit il-fond mingħand Monica Debarro u qal ukoll "*Meta talabni ċ-ċavetta (Michael Debarro) tgħajtielu.."* u dan meta z-zija ta' martu kienet rikoverata f'San Vinċenz. Li kieku kienet zijtu li kienet rikonoxxuta bħala l-inkwilina, kien jinjora lill-Debarro, li qatt ma kellu prokura ta' Falzon, u jitkellem direttament mal-attriċi.

"Fid-dawl ta' dawn il-kostatazzjonijiet fattwali, il-Qorti ser tgħaddi biex tindirizza l-eċċezzjonijiet sollevati.

"**Eċċezzjonijiet tal-Konvenuti Monica u Michael Debarro.**

"**L-ewwel Eċċezzjoni - Nuqqas ta' Interess Ġuridiku**

"Bl-ewwel eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti issollevaw in-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-attriċi li tipproponi din l-azzjoni.

"Il-Qorti ser tilqa' din l-eċċezzjoni għar-raġunijiet li ser jiġu hawn taħt spjegati.

"Illi hu paċifiku li l-ġurisprudenza nostrali u anki ta' Qrati barranin tirrikjedi li rekwiżit imprexxindibbli ta' kull azzjoni hu l-interess f'min jipproponiha ("*l-interess hija l-miżura tal-azzjoni").*

"Il-prinċipji li jiggwidaw il-Qrati tagħna jinsabu enunċjati f'diversi sentenzi, fosthom: "**J Muscat et vs R Buttiġieġ et**" (27 ta' Marzu 1990 – Vol LXXIV.iii.481) fejn intqal li :

[21] Xhieda ta' Paul Busuttil a fol 348 et seq.
[22] Fol.255 et seq.

> ""*L-interess irid ikun a) ġuridiku, jiġifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta' l-eżistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tiegħu: b) dirett u personali: fis-sens li huwa dirett meta jeżisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi tagħha, personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, ħlief fl-azzjoni popolari; c) attwali fis-sens li jrid joħroġ minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, jiġifieri l-vjolazzjoni attwali tal-liġi trid tikkonsisti f'kondizzjoni pożittiva jew negattiva kontrarja għall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur.*""

"Ikkonsidrat li l-interess ġuridiku jrid ikun reali u attwali u għandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur u f'dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jiġi stabbilit in-ness ġuridiku bejn l-aġir abbużiv u llegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-preġudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali għal tali aġir.

"Illi l-istess dikjarazzjonijiet ġew affermati fis-sentenza fl-ismijiet ***"Saviour Scerri et vs Salvu Farruġia et"*** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002). Dan ġie mfisser ukoll fil-każ fl-ismijiet **"*Emilio Persiano vs Il-Kummissarju tal-Pulizija fil-kwalita` tiegħu bħala Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni"*** *(*Cit Numru 1790/00/JRM deċiża fit-18 ta' Jannar 2001), fejn intqal: *"Illi minbarra dawn l-elementi, ġie mfisser ukoll li biex wieħed ikollu interess li jiftaħ kawża, dak l-interess (jew aħjar, il-motiv) tat-talba għandu jkun konkret u jeżisti fil-konfront ta' dak li kontra tiegħu t-talba ssir" (ara, per eżempju, sentenza ta' din il-Qorti (PASP) mogħtija fit-13 ta' Marzu 1992, fil-kawża fl-ismijiet "**Francis Tonna vs Vincent Grixti**", Kollezz. Vol LXXV1.iii.592)."*

"Illi fis-sentenza **"M Bond vs C Manġion et"** ġie spjegat r-rekwiżit ta' *attwalita`* hekk:-

> ""*Fost ir-rekwiżiti ta' l-interess ġuridiku hemm dak li l-istess irid ikun attwali, cioe` dak li* ***Mortara*** *jiddefinixxi bħala. "La utilita` finale della domanda giudiziale sul tema dell'asserita esistenza e violazione di un diritto". Jekk l-azzjoni tkun inkapaċi li tipproduċi riżultat vantaġġjuż jew utili għal min jipproponiha jew jekk ir-riżultat, jew sentenza, ma jkunx jista' jiġi użufruwit, dik l-azzjoni ma tistax tiġi protetta.*""

"Fis-sentenza mbagħad tas-17 ta' Frar 1993, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet "***Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard***" qalet li "*l-interess ġuridiku huwa risaput, irid jissussisti matul il-ħajja ta' l-azzjoni".*

"Jekk l-interess jispiċċa minħabba tibdil ta' ċirkostanzi fil-mori tal-kawża, dan in-nuqqas joqtol l-azzjoni għaliex l-interess ġuridiku jrid jissussisti matul il-ħajja ta' l-azzjoni. (Ara wkoll ***"George Laferla et vs Joseph Lauri et nomine"*** (P.A. (TM) 2 ta' Mejju 2002).

"Ikkonsidrat li l-ewwel talba attriċi hija talba għal dikjarazzjoni li hi qed tiddetjeni l-fond b'titolu ta' lokazzjoni. Dwar l-ammissibbilta' ta' talbiet

dikjaratorji, il-Qorti, fis-sentenza fl-ismijiet ***"Edgar Baldacchino vs Rosie Bellizzi et"*** (P. A. (J.C.C.) - 15 ta' Lulju 1952) affermat illi:-

> *""Ċitazzjoni tista' ssir biex tingħata sempliċi dikjarazzjoni, u ma hemmx bżonn bilfors li tintalab dejjem kundanna …biss, min jistitwixxi azzjoni jrid bilfors ikollu xi dritt – 'l'azione civile non puo' essere promossa che per far valere un diritto, e da colui a cui il diritto spetti. Mancando l'uno e l'altro di questi requisiti, l'azione e' infondata e inammissibile"."*

"Għalhekk għalkemm fis-sistema tagħna tista' tingħata sentenza dikjaratorja, huwa rekwiżit essenzjali li jkun hemm dritt legali li jkun il-bażi li biħ l-attur ikun jista' jippromwovi u jitlob l-aċċertament tiegħu permezz ta' l-awtorita' ġudizzjarja.

"Fil-każ odjern, il-Qorti tasal biex tammetti l-interess ġuridiku tal-attriċi *ai fini* ta' investigazzjoni ġudizzjarja fit-titolu minnha vantat li hija l-ewwel parti tal-ewwel talba attriċi. Iżda, kif issottometta l-abbli difensur tal-konvenuti, jekk l-attriċi qed tivvanta dritt lokatizju, dan id-dritt ma baqax jissussisti tul il-proċeduri u spiċċa bil-mewt tagħha *stante* li ġie wkoll itterminat kull dritt għall-inkwilinat. B'hekk ukoll spiċċa l-interess ġuridiku tagħha u tal-eredi tagħha in kwantu dan l-interess ma baqax jissussisti tul il-proċeduri. Din il-fehma hija kondiviża minn din il-Qorti.

"L-atturi ressqu provi biex ittentaw juru li l-konvenuti abbandunaw il-fond. Iżda dan kien eżerċizzju futili għaliex anke li kieku wieħed kellu jaċċetta li abbandunaw il-fond, b'dan l-attriċi xorta ma ġietx vestita bi dritt lokatizju. Il-Liġi hija ċara f'din il-materja, u Maria Dolores Falzon ma kinetx takkwista xi titolu derivattiv ta' inkwilinat li huma eligibbli biss għalih ulied l-inkwilin li jkunu qed jgħixu miegħu fil-mument tal-mewt, fejn dan imut bil-*prole*.

"**Għalhekk il-Qorti qed tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konjuġi Debarro u tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju.**

"Minn qari tat-talbiet kollha attriċi jirriżulta li dawn huma intrinsikament imnissġin mal-allegat dritt ta' inkwilinat. L-ewwel talba attriċi tkompli biex tgħid li "*l-flus huma dovuti lilha u mhux lill-konjuġi Debarro."* Ukoll fit-tieni talba, l- attriċi qed titlob il-ħlas tas-somma li l-konvenuta pperċepiet, peress li din tħallset indebitament. Strettament *stante* dak deċiż fuq l-ewwel eċċezzjoni, il-Qorti tista' tieqaf hawn. Iżda biex tagħmel ġustizzja bejn il-partijiet ser tindirizza wkoll l-akkużi dedotti fit-tieni talba attriċi *stante* n-natura serja tagħhom.

"Fl-ewwel lok dwar l-allegazzjoni ta' frodi eżerċitat minn Monica Debarro, wieħed jistaqsi, eżerċitat fuq min? Jekk fuq Joseph Gaffarena, allura kwalsiasi rimedju jispetta lilu. Ma jirriżultax li l-konvenuti kkommettew xi atti jew raġġiri frawdolenti, kemm fuq Gaffarena, u wisq inqas fuq l-attriċi li kienet estranea għat-trattativi li kienu għaddejjin bejn l-aħwa Formosa u Carmel Mifsud. Difatti din it-teżi attriċi tirrappreżenta problemi ġuridiċi fosthom, li huma l-partijiet li jistgħu jirrexxindu kuntratt fejn il-kunsens ta' wieħed minnhom ġie ottjenut b'qerq, biex b'hekk il-

parti lesa tkun tista' tisvinkola ruħha. Maria Dolores Falzon ma kenitx komparteċipi fuq dan il-kuntratt.

"F'dawn it-trattattivi, l-attriċi ma kienet tirraffigura xejn. Anzi l-Qorti ħadet l-impressjoni ċara li kienu intiżi biex l-aħwa biss jaqsmu l-flus li kien qed joffri Gaffarena u dan fl-interess personali tagħhom biss. Monica Debarro biddlet fehmitha meta n-Nutar Manġion spjegalha l-pożizzjoni legali tagħha. Ma kenitx ħadet parir mingħand avukat qabel. Sakemm semgħet dan il-parir min-Nutar ġenwinament ħasbet li ħutha kellhom dritt biex jaqsmu magħha s-somma miftehma. Ovvjament kellha kull dritt li tbiddel fehmitha ġaladarba irriżulta li hi biss kellha l-jedd li tiġi rikonoxxuta bħala l-inkwilina tal-fond.

"Carmelo Mifsud, da parti tiegħu, kien jinżamm infurmat dwar in-negozjati kollha u kien anke attenda għal xi laqgħat ma' Gaffarena. Ukoll lanqas jista' bl-iċken mod jinġħad li Gaffarena, li deher għan-nom tas-soċjeta` konvenuta, kien qed jinżamm għall-oskur tal-fatti jew ġie indott biex jiffirma b'xi qerq prattikat mill-konvenuti. Kien jaf li l-attriċi kienet okkupat parti mill-fond, tant hu hekk li hu sforza l-bieb li kien jagħti għall-kmamar tagħha.

"Hawnhekk il-qorti bilfors ikollha tikkummenta fuq l-involviment ta' Carmelo Mifsud f'din ir-retroxena kollha. Għalkemm ma kellux prokura mingħand l-attriċi jidher li kien hu li kien qed jitkellem mal-konvenuta u ma' Carmelo Formosa. *Inoltre* jirriżulta lill-Qorti li kien qed jaġixxi aktar fl-interess personali tiegħu u ta' martu milli fl-interess ta' Maria Dolores Falzon. Difatti meta Gaffarena qalilhom li, jekk iridu, iħallsu lil zijithom elf lira *ex gratia,* in-negozjati ma' Gaffarena xorta komplew. Jekk kien qed isir xi diskors bejn l-aħwa kif kienu ser jaqsmu l-flus, jirriżulta paċifikament li dan kien jirrigwarda s-sehem ta' ommhom, Teresa Formosa, u mhux ta' Maria Dolores Falzon. Maria Dolores Falzon qatt ma ssemmiet bħala parteċipi diretta f'din id-diviżjoni u kienet, anke għal din ir-raġuni, estraneja għal kollox għal dan in-negozju.

"F'ebda ħin ma semmiet xi interess legali li seta' kellha Maria Dolores Falzon qabel u waqt l-iffirmar tal-ftehim in kwistjoni, u dan proprju għaliex hi ma kellhiex dritt li tkun ikkonsidrata. Il-kontendenti jaqblu li Monica Debarro la kellha prokura u lanqas istruzzjonijiet biex titkellem għall-istess Falzon. Għalhekk, ma jistax jingħad li dan il-kuntratt ġie ffirmat fl-interess ta' terz, li, forsi, jattribwixxi xi jedd lill-attriċi li tissindika l-ftehim stess u timpunja l-validita` tiegħu. Fl-assenza ta' tali interess, jispetta biss lill-partijiet firmatarji l-jedd li jirrexxindu l-ftehim, u ċertament mhux lil terz estraneu għall-istess (l-attriċi odjerna) u li għaliha l-ftehim hu *res inter alios acta*.

"Fir-rigward tal-allegat ħlas ta' *indebitum* kif ġie sottomess mid-difensur tal-konvenuti, anke jekk kellha tiġi akkolta t-teżi attriċi li kienet tgawdi l-inkwilinat tal-fond, xorta ma tistax tissussisti t-talba tagħha għas-somma mħallsa. F'tali każ, ikompli jissottometti, mhix l-attriċi li għandha d-dritt li titlob il-kumpens mingħand is-soċjeta` konvenuta, imma,

*semmai,* s-soċjeta` konvenuta li jkollha d-dritt li tipproċedi għar-rifużjoni tas-somma imħallsa minnha indebitament.

"**L-eċċezzjonijiet sollevati mis-soċjeta` konvenuta *Żebbuġ Company Limited.***

"Is-soċjeta` konvenuta ssollevata diversi eċċezzjonijiet, fosthom li "*l-esponenti ma tistax tiġi ikkundannata li tħallas ebda ammont lill-attriċi stante li ma hemm ebda relazzjoni ġuridika bejniethom."*

"Il-Qorti tikkonsidra li din l-eċċezzjoni hija determinanti għall-konsiderazzjoni tat-talbiet attriċi fil-konfront tas-soċjeta` konvenuta peress li l-attriċi la direttament u lanqas indirettament kienet parteċipi fil-ftehim in kwistjoni. Dan seħħ bejn sid il-post u l-inkwilin legalment rikonoxxut skont il-liġi. Kwalsiasi pretensjoni li jista ' jkollha l-attriċi issib il-fondament ġuridiku tagħha fid-dritt lokatizju, liema dritt ma jappartjenix lilha imma kien jappartjeni lil Monica Debarro fil-mument tal-iffirmar tal-kuntratt.

"Isewgi li t-talba tagħha għal ħlas ta' xi ammont mis-soċjeta` konvenuta hija ġuridikament insostenibbli. Is-soċjeta` konvenuta ħallset lill-inkwilina sabiex din tirrinunzja għad-dritt tagħha u tivvaka l-fond. Il-ftehim jitqies li hu validu. Li kieku kien jirriżulta li l-attriċi kienet l-inkwilina, u allura l-ħlas sar indebitament, id-dritt tal-azzjoni sabiex jiġi rikoverat l-*indebitum* jispetta lis-sid u mhux lill-attriċi.

"Isegwi li l-ebda talba ma tista' tirnexxi fil-konfront ta' din is-soċjeta`.

"Għalhekk ser tiddisponi mit-talbiet attriċi billi tilqa' t-tielet eċċezzjoni filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet l-oħra u tiċħad it-talbiet attriċi anke fil-konfront tas-soċjeta` konvenuta.

"**III. <u>KONKLUŻJONI.</u>**

"Illi għalhekk għal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeċiedi**, billi fil-waqt li **tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Monica u Michael Debarro** u tiddikjara li l-attriċi m'għandhiex interess ġuridiku biex tipproponi l-azzjoni odjerna fil-konfront tagħhom, u konsegwentement tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju, **tilqa'** t-tielet eċċezzjonijiet tas-soċjeta` konvenuta Żebbuġ Company Limited, u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel u tat-tieni eċċezzjoni; u tiddisponi mit-talbiet attriċi billi **tiċħad l-istess talbiet attriċi** bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.

"L-ispejjeż jitħallsu mill-atturi."

RIKORS TAL-APPELL tal-attriċi Catherine Mifsud (14.03.2014):

3. L-attriċi ħassitha aggravata bis-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk interponiet dan l-appell minnha. L-aggravji tagħha in suċċint huma s-segwenti:

(i) **Fl-ewwel lok** issostni li s-sentenza hija nulla stante li fl-okkju ġew indikati konvenuti bil-kunjom "*Debono*", meta ma hemm l-ebda konvenuti b'tali kunjom.

(ii) **Fit-tieni lok** issostni li kienet erronja l-ewwel Qorti meta kkonkludiet li Monica Debarro kellha titolu ta' lokazzjoni abbażi ta' ċedoli ta' depożitu. Targumenta li huwa paċifiku li ċedola ta' depożitu ta' kera mhix prova li dak li jkun għandu titolu ta' lokazzjoni. Taċċenna:

- għar-riċevuti tad-dawl u l-ilma f'isem Maria Dolores Falzon[23];

- għas-sentenza fl-ismijiet "***Giuseppe u Teresa konjuġi Formosa (il-mara bl-assistenza ta' żewġha) u Dolores Falzon v. Paolo Falzon u George Falzon***" deċiża fit-22.04.1966 (905/58/GM)[24] minn fejn jirriżulta li l-attriċi ġia kellha dritt ta' inkwilinat fir-rigward tal-fond mertu tal-kawża;

- u għall-fatt li ġia kienu ttieħdu passi legali fl-1998 kontra l-konvenuti

[23] Esebiet kopja mar-rikors tal-appell (DOK CM1) - **dawn jinsabu diġa esebiti fl-atti a fol 120-126**
[24] Esebiet kopja tas-sentenza, tar-relazzjoni peritali, u tal-pjanta tal-qasma (Dok CM2) – **dawn jinsabu diġa esebiti fl-atti a fol 56-62, 69, 70, 71.**

minħabba l-aġir abbużiv tagħhom[25].

(iii) **Fit-tielet lok** targumenta li l-fatt li persuna ma tħallasx kera ma jfissirx li ma tkunx intitolata għal dritt ta' inkwilinat. Tenfasizza li n-nuqqas ta' ħlas ta' kera mhux ekwivalenti għal nuqqas ta' titolu. Issostni li ai termini tal-Kap 69 Maria Dolores Falzon kienet l-inkwilina tal-fond mertu tal-kawża.

(iv) **Fir-raba' lok** targumenta li l-interess ġuridiku ta' Maria Dolores Falzon jemani mid-dritt tal-inkwilinat li kellha; u żżid tgħid li l-fatt li mietet fil-mori tal-kawża ma jfissirx li tali dritt ġie tterminat. Tenfasizza li tali dritt għadda favur l-aventi causa tagħha; u għalhekk il-kumpens għar-rinunzja tal-inkwilinat kien jispetta lil Maria Dolores Falzon u konsegwentement lilha (Catherine Mifsud).

(v) **Fil-ħames lok** tilmenta li dak li ġie rikavat mill-konvenuti Debarro kien riżultat ta' azzjoni frawdolenti eżerċitata minnhom biex id-drittijiet tal-attriċi jiġu menomati. Għalkemm tgħid li s-soċjeta` konvenuta kienet korretta li tħallas somma biex tiġi terminata l-lokazzjoni, issostni li din kellha titħallas lill-attriċi u mhux lill-konjuġi Debarro.

RISPOSTA TAL-APPELL tal-konvenuti Debarro (03.04.2014):

[25] Esebiet kopja ta' tliet ittri legali (Dok CM3)

4. Il-konvenuti appellati wieġbu biex jgħidu li s-sentenza hija ġusta u timmerita konferma. Il-punti saljenti li jressqu huma dawn:

(i) Dwar l-allegata nullita` tas-sentenza minħabba żball fil-kunjom tagħhom (fejn ġie indikat fl-okkju bħala "Debono" flok "Debarro") kontestalment mar-risposta intavolaw rikors a tenur tal-Artikolu 175(2) tal-Kap 12 sabiex il-"*lapsus calami*" jissewwa. Isostnu li dan l-iżball ma jġibx in-nullita` tas-sentenza.

(ii) Huma jipprotestaw bil-qawwa kollha għall-fatt li l-attriċi appellanti esebiet dokumenti ġodda mar-rikors tal-appell meta dawn setgħu ġew esebiti sa mill-bidu meta nfetħet il-kawża. Għalhekk jissottomettu li għandhom jiġu sfilzati.

(iii) Isostnu li l-attriċi m'għandha l-ebda interess ġuridiku biex tintavola l-appell odjern. Jargumentaw illi kwalsiasi dritt ta' inkwilinat li kellha Maria Dolores Falzon (xebba) intemm mal-mewt tagħha u għalhekk l-attriċi appellanti m'għandhiex dritt li ssostni xi forma ta' kirja fir-rigward tal-fond in kwistjoni.

(iv) Jargumentaw ukoll li Maria Dolores Falzon kienet tgħix fil-post bħala "guest" ta' oħtha Theresa Formosa, u wara l-mewt tagħha, bħala

"guest" ta' żewġha Joseph Formosa, u wara l-mewt tiegħu, bħala "guest" tagħhom (il-konjuġi Debarro). Jaċċennaw għall-fatt li hija qatt ma ħallset u intentat li tħallas kera.

(v) Jgħidu li mill-provi jirriżulta li huma ttrattaw u ftehmu ma' Gaffarena nomine f'isimhom personalment u mhux għan-nom ta' Maria Dolores Falzon, u jsostnu li l-attriċi ma kellhiex dritt tindaħal fin-negozjati.

(vi) Jargumentaw li jekk għall-grazzja tal-argument kellu jitqies li Maria Dolores kellha xi dritt ta' inkwilinat fuq parti mill-fond, ma kellhiex il-jedd li tesiġi li tiġi kkumpensata, iżda setgħet biss issostni li tibqa' tokkupa l-fond. Ikomplu jgħidu li ladarba mietet u l-kirja li setgħet kellha ma setgħetx tintiret, mal-mewt tagħha kwalsiasi pretenzjoni ġiet itterminata.

(vii) Jargumentaw ukoll illi jekk għall-grazzja tal-argument kellu jitqies li Gaffarena nomine ħallashom indebitament, din hija ħaġa ta' bejniethom u l-attriċi ma tidħolx fiha għaliex id-dritt tal-azzjoni sabiex jiġi rikoverat l-indebitu jispetta lis-sid u mhux lill-attriċi.

L-IŻBALL FL-OKKJU

5. Qabel xejn din il-Qorti ser tgħaddi biex tindirizza l-kwistjoni dwar l-iżball fl-okkju tas-sentenza appellata: cioe` fejn il-konvenuti Monica u

Michael konjuġi "***Debarro"*** ġew erronjament indikati bħala Monica u Michael konjuġi "***Debono***". Il-konvenuti appellati Monica u Michael Debarro jsostnu li dan il-*lapsus calami* ma jġibx in-nullita` tas-sentenza, kif tippretendi l-attriċi appellanti Catherine Mifsud, u kontestwalment mar-risposta tal-appell tagħhom, fit-3 ta' April 2014, ippreżentaw rikors fejn talbu lil din il-Qorti tordna li jiġi korrett dan l-iżball **ai termini tal-Artikolu 175(2) tal-Kap 12**. Wara li din il-Qorti rat ir-risposta relattiva tal-attriċi appellanti, fis-7 ta' Awwissu 2014 hija tat digriet fejn irriservat li tipprovdi ulterjorment wara li tisma' lill-partijiet fl-udjenza. (L-appell, li jinkludi l-kwistjoni dwar in-nullita` tas-sentenza appellata minħabba l-iżball fl-okkju, ġie trattat fit-18 ta' Frar 2019.)

6. Issa fiż-żmien li ngħatat is-sentenza appellata u anke meta saru r-rikors tal-appell u r-risposta relattiva, l-Artikolu 175(2) tal-Kapitolu 12 kien jaqra hekk (sottolinejar ta' din il-Qorti):

> *"Kull qorti fi grad ta' appell tista' wkoll tordna jew tippermetti, f'kull żmien sas-sentenza, li jissewwa kull żball fir-rikors li bihom ikun tressaq l-appell jew fit-tweġiba, kif ukoll kull żball fl-isem tal-qorti li tkun tat is-sentenza appellata, jew f'dak tal-partijiet, jew fil-kwalità li fiha huma jidhru, jew fid-data tas-sentenza appellata."* [26]

7. Tali artikolu għalhekk ma jagħtix is-setgħa lil qorti fi grad tal-appell

---

[26] **Verżjoni bl-ingliż:**
"*Any court of appellate jurisdiction, may also order or permit, at any time until judgment is delivered, the correction of any mistake in the application by which the appeal is entered or in the answer, including any mistake in the indication of the court which delivered the decision appealed from, in the name or character of the parties, or in the date of the judgment appealed from.*"

biex tikkoreġi żball fl-okkju tas-sentenza appellata, iżda biss biex tikkoreġi żball fl-okkju tar-rikors tal-appell jew tar-risposta relattiva.

8. Inċidentalment pero` dan l-Artikolu 175(2) ġie emendat permezz tal-Att IV tal-2016, fis-sens li daħlu s-segwenti żewġ *provisos* warajh (sottolinejar ta' din il-Qorti):

> *"Iżda kull qorti fi grad ta' appell tista' tordna wkoll korrezzjonijiet fis-sentenza tal-qorti tal-ewwel istanza u korrezzjonijet oħra li l-qorti fi grad ta' appell tqis li huma ġustifikati fl-atti ġudizzjarji fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri fl-appell sa meta l-appell jitħalla għas-sentenza, fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet, u wara li tagħti lill-partijiet l-opportunità li jinstemgħu:*
>
> *"Iżda wkoll qorti fi grad ta' appell tista' tordna wkoll korrezzjonijiet f'sentenza li tkun ingħatat minnha wara li jkun sar rikors preżentat minn waħda mill-partijiet fi żmien tletin ġurnata mid-data tas-sentenza."*

9. Permezz tal-ewwel *proviso* issa ġie possibbli li parti titlob lil qorti fil-grad tal-appell biex tikkorreġi żball fis-sentenza appellata (inkluż allura żball fl-okkju tas-sentenza appellata bħal fil-każ in kwistjoni). Għalkemm il-konvenuti appellati sussegwentement għad-dħul fis-seħħ tal-ewwel *proviso* tal-Artikolu 175(2) setgħu għamlu talba quddiem din il-Qorti sabiex hija tordna l-korrezzjoni tal-okkju fis-sentenza tal-Prim'Awla **ai termini tal-ewwel *proviso* tal-Artikolu 175(2),** din il-Qorti ma jidhrilhiex li n-nuqqas da parti tagħhom li jagħmlu hekk għandu jwassal biex tiddikjara li s-sentenza appellata hija nulla.

10. Din il-Qorti kkonsidrat il-fatt li fl-2014 il-konvenuti appellanti kienu

effettivament għamlu talba biex issir korrezzjoni fl-okkju tas-sentenza appellata. Anke jekk, kif spjegat, dak iż-żmien li għamlu r-rikors ma kienx possibbli li tali talba tintlaqa', bid-dħul fis-seħħ tal-ewwel *proviso* tal-Artikolu 175(2) sentejn wara, dan imbagħad sar possibbli. Ikkonsidrat ukoll li waqt it-trattazzjoni tal-appell il-partijiet kellhom l-opportunita` li jagħmlu l-argumenti tagħhom fir-rigward tal-kwistjoni dwar in-nullita` sollevata mill-attriċi appellata (u allura neċessarjament ukoll dwar ir-rikors għall-korrezzjoni, b'dan li dak rikjest mill-ewwel *proviso* tal-Artikolu 175(2) jiġi li ġie osservat). Ikkonsidrat ukoll li l-ewwel *proviso* tal-Artikolu 175(2) fost affarijiet oħra huwa intiż biex tiġi evitata l-estremita` li sentenzi jiġu dikjarati nulli, u allura anke fl-ispirtu ta' tali *proviso* **din il-Qorti qegħda tqis li t-talba li għamlu l-konvenuti appellati għall-korrezzjoni fl-okkju tas-sentenza appellata, għalkemm ippernjat fuq l-Artikolu 175(2) timmerita li tintlaqa' ai termini tal-ewwel *proviso* tal-istess Artikolu 175(2).**

TALBA GĦALL-ISFILZ:

11. L-attriċi appellanti fir-rikors tal-appell tagħha ddikjarat li "ai termini tal-Artikolu 145 tal-Kap 12" kienet qegħda tippreżenta numru ta' dokumenti: **Dok CM1, Dok CM2 u Dok CM3**. L-Artikolu 145 jipprovdi illi:

> "*Mar-rikors, mat-tweġiba u mar-replika, għandhom jinġiebu d-dokumenti li jkunu jsaħħu t-talbiet tal-wieħed jew l-eċċezzjonijiet tal-ieħor.*"

12. Il-konvenuti appellati fir-risposta tal-appell tagħhom talbu li tali dokumenti jiġu sfilzati għaliex ma ngħatat l-ebda raġuni għaliex ma ġewx prodotti qabel.

13. Fil-fatt l-interpretazzjoni riċenti li qegħda tingħata lil dan l-artikolu hija waħda ristretta: u cioe` li d-dokumenti prodotti fl-istadju tal-appell jingħataw piż biss jekk tali dokumenti ma kinux disponibbli fl-ewwel istanza. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għall-insenjament mogħti minn din l-istess qorti fis-sentenza parzjali mogħtija fit-28 ta' April 2014 fil-kawża fl-ismijiet "**Olive Gardens Investments Ltd v. Salvu Farrugia et**":

> *"8. Dwar il-pożizzjoni legali relattiva għat-talba għall-isfilż ta' provi dokumentali ġodda annessi mar-rikors tal-appell, din il-qorti tosserva li, filwaqt li huwa minnu li kif relevat mis-soċjeta` attriċi teżisti ġurisprudenza preċedenti fis-sens li bis-saħħa ta' dak li jgħid l-Artikolu 145 tal-kap 12, l-appellanti għandu l-fakolta` li jippreżenta dokumenti mar-rikors tal-appell tiegħu, iżda din il-qorti f'sentenzi aktar riċenzjuri irriteniet li l-interpretazzjoni korretta tal-istess artikolu, konformi mal-funzjoni ta' din il-qorti bħala qorti ta' reviżjoni, hi li filwaqt li dak l-artikolu jippermetti li jiġu materjalment prodotti dokumenti mar-rikors tal-appell, b'danakollu l-piż li kun jista' jingħata lil tali dokumenti minn din il-qorti jkun jiddependi fuq jekk listess dokumenti kinux disponibbli u allura produċibbli fl-ewwel istanza.*
>
> *"9. Fir-rigward din il-qorti diġa kellha okkażjoni tirribadixxi fil-kawża Emanuel Zammit v Charles Polidano[27], deċiża fil-31 ta' Jannar 2014 li "filwaqt li huwa minnu li parti appellanti tista' tressaq dokumenti mal-appell tagħha, dawn id-dokumenti m'għandhomx ikunu provi ġodda li setgħu faċilment ġew prodotti fl-ewwel istanza, għax kif qalet din il-qorti fil-kawża Schembri vs Schembri, deċiża 22 ta' Frar 2013: 'il-funzjoni ta' din il-qorti hija waħda ta' reviżjoni, intiża sabiex tirrevedi dak li jkun sar quddiem l-ewwel qorti, u mhux li tisma' provi ġodda li*

[27] 1224/97

> *setgħu ġew prodotti quddiem l-ewwel qorti.' Il-provi kollha jridu jinġiebu quddiem l-ewwel qorti, u jekk parti tonqos li tagħmel dan, ma tistax, wara s-sentenza, tipprova tressaq provi ġodda biex twaqqa' l-argumenti li l-ewwel qorti, fuq il-provi prodotti użat biex waslet għall-konklużjoni tagħha."*

14. Din il-Qorti rat id-**Dok CM1, CM2 u CM3** ippreżentati mar-rikors tal-appell u rriżultlha li **Dok CM1** u **CM2** fil-fatt diġa ġew esebiti fl-atti. Huwa **Dok CM3** biss (konsistenti f'tliet ittri legali datati 17.09.1998, 23.09.1998 u 05.10.1998) li huwa dokument ġdid. Għaldaqstant din il-Qorti mhix ser tagħti piż lil dan id-dokument. Jidhrilha li għandha tirrimarka pero`, illi l-attriċi kellha tkun a konoxxenza tal-fatt li kienet diġa esebiet id-**Dok CM1 u CM2** fl-atti. Il-fatt li kienet mingħalija qegħda tippreżentahom għall-ewwel darba mar-rikors tal-appell jindika nuqqas ta' serjeta` da parti tagħha, liema nuqqas seta' żgwida lil din il-Qorti.

PROVI:

15. Mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla tal-Maesta' Tagħha r-Reġina fit-22 ta' April 1966 fil-kawża fl-ismijiet "**Giuseppe u Teresa konjuġi Formosa (il-mara bl-assistenza ta' żewġha) u Dolores Falzon (xebba) v. Paolo Falzon u George Falzon**"[28], li kienet kawża għad-diviżjoni tal-fondi u ambjenti bir-raba' li jagħmel miegħu, jirriżulta li lura fiż-żmien, l-inkwilinat tal-post mertu tal-kawża kien għand Giuseppe Falzon, missier is-sitt aħwa Falzon: Teresa, Dolores, Paolo,

[28] Fol 56-59, (Cit. Nru. 905/58)

George, Carmelo u Angela. Wara mewtu kienu biss Teresa, Dolores, Paolo u George li komplew fl-inkwilinat:

> *"Dwar dina l-eċċezzjoni għandu jingħad illi huwa korrett li l-inkwilinat kien ta' missier il-kontendenti u għalhekk bil-mewt tiegħu l-inkwilinat tal-fond għal dak li hu sehemu fl-akkwisti konjuġali għadda fit-tfal bħala eredi tiegħu. Ma hemmx kwistjoni li barra l-erba' kontendenti kien hemm żewġt itfal oħra u eredi leġittimi tal-missier. Dawn iż-żewġt itfal huma Carmelo Falzon u Angela mart Nicola Ciappara li m'humiex fil-kawża. Mix-xiehda pero` ta' Carmelo Falzon u ta' Nicholas Ciappara (fol 62) irriżulta illi huma m'għandhomx interess f'dan l-inkwilinat. Dawn iż-żewġt itfal ta' Giuseppe Falzon huma miżżewġin u ħarġu mid-dar meta żżewġu u m'għandhom ebda pretenzjoni fuq l-inkwilinat tal-post in kwistjoni. Għalhekk l-assenza tagħhom fil-kawża mhix ta' ostakolu għat-talba tal-atturi."*

16. Il-konjuġi Teresa u Joseph Formosa kellhom sitt itfal: Catherine, Monica, Pauline, Carmel, Joseph u Georgina li lkoll kienu joqgħodu fil-fond.

17. Sal-1987 kien fadal joqgħodu fid-dar (i) Joseph Formosa u martu Teresa Formosa nee Falzon, (ii) binthom Monica (issa flimkien ma' żewġha Michael Debarro) u (iii) l-attriċi Maria Dolores Falzon. (Il-bqija tal-aħwa Falzon mietu, u l-bqija tal-aħwa Formosa żżewġu u telqu.)

18. Ġew esebiti diversi ċedoli ta' depożitu ta' kera[29] fir-rigward tal-post in kwistjoni:

(i) minn Teresa Formosa (datati 1990, 1991, 1992);

[29] Fol406 et seq

(ii) minn Joseph Formosa u Monica Debarro (datati 1993, 1994, 1995);

(iii) minn Monica Debarro (datati 1996, 1997, 1998).

19. Għal intendiment aħjar tal-vertenza odjerna, din il-Qorti qegħda telenka s-segwenti kronoloġija ta' fatti:

25.11.1991 Mietet Teresa Formosa nee Falzon.

29.11.1994 Il-konjuġi Monica u Michael Debarro xtraw post fi Triq Nuzzo, il-Ħamrun[30] iżda baqgħu jabitaw fil-post in kwistjoni.

04.03.1996 Miet Joseph Formosa.

05.03.1996 Konjuġi Monica u Michael Debarro u ż-żewġ uliedhom telqu mill-fond in kwistjoni u marru joqgħodu fil-post tagħhom fi Triq Nuzzo, il-Ħamrun (fil-fatt jidher li kien hemm kont tat-telefon attiv fuq isem Michael Debarro għall-perjodu April 1996 - Awwissu 1999).[31]

21.04.1998 Maria Dolores Falzon telqet mill-fond in kwistjoni u marret St

[30] Fol 48 et seq
[31] Ara xiehda ta' David Buttigieg (23.01.2003) u Dok DB a fol 203-205

Vincent de Paule (fil-fatt proprju fl-1998, is-servizz tat-telefon fil-fond in kwistjoni intestat fuq Maria Dolores Falzon tneħħa).[32]

21.12.1998 Maria Dolores Falzon għamlet lil Catherine Mifsud (it-tifla ta' oħtha Teresa Formosa) il-prokuratriċi tagħha.[33]

18.12.1998 Maria Dolores Falzon għamlet testment li permezz tiegħu ħassret kull testment li setgħet għamlet u ddikjarat li trid li s-suċċessjoni tagħha tkun irregolata bid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili għar-rigward tas-suċċessjoni *ab intestato*.[34]

21.04.1999 Maria Dolores Falzon għamlet testment li permezz tiegħu ħatret lil Catherine Mifsud (it-tifla ta' oħtha Teresa Formosa) bħala l-werrieta universali tagħha.[35]

25.06.1999 Kuntratt li permezz tiegħu l-Monsinjur Carmelo Bonavia f'isem l-Amministratur tal-Enti Reliġjużi Djoċesani kollha ta' Malta u fl-interess tal-parroċċa ta' San Ġorġ, f'Ħal Qormi, (sid il-fond in kwistjoni) biegħ il-fond lis-soċjeta` Żebbuġ Co Ltd.[36]

Jan-Lul 1999 Joseph Gaffarena (in rappreżentanza ta' Żebbuġ Co

[32] Ara xiehda ta' Noel Scerri, (15.06.2001) fol 170 et seq
[33] Ara xiehda ta' Catherine Mifsud in kontro-eżami (29.04.2004), fol 255 et seq
[34] Fol 160 et seq
[35] Fol 40 et seq
[36] Fol 43 et seq

Ltd) kien għamel offerta sabiex huwa jieħu l-pussess vakanti tal-fond. Saru diversi laqgħat fir-rigward u l-aħħar offerta kienet ta' Lm30,000. Oriġinarjament l-intiża kienet li tali somma tinqasam bejn ħamsa mis-sitt aħwa Formosa (Catherine, Monica, Pauline, Carmel, u Joseph) u li Maria Dolores Falzon (li diġa kienet St Vincent de Paule, u li qatt ma kienet parteċipi fil-laqgħat) tieħu Lm1,000 "*bona grazzja*". Sussegwentement pero` Monica Debarro ngħatat parir li kwalsiasi kumpens kien jispetta lilha.

16.07.1999 Monica Debarro għalhekk ċediet l-inkwilinat tal-fond in kwistjoni lil Taż-Żebbuġ Ltd (rappreżentata minn Joseph Gaffarena) għall-prezz ta' Lm30,000[37] u żammet l-ammont kollu għaliha.

17.07.1999 Monica Debarro ċemplet lil Carmelo Mifsud (ir-raġel ta' Catherine Mifsud) u qaltlu dwar l-iskrittura li għamlet ma' Joseph Gaffarena fejn tatu l-pussess tal-fond kollu inkluż il-parti fejn kienet toqgħod Maria Dolores Falzon.[38]

01.08.1999 Carmelo Mifsud (bħala r-raġel tal-prokuratriċi ta' Maria Dolores Falzon) għamel katnazz mal-parti tal-fond li kienet tokkupa Maria Dolores Falzon u waħħal tabella "Private".

[37] Fol 211 et seq
[38] Ara affidavit ta' Carmelo Mifsud, fol 78 et seq

03.08.1999 Carmelo u Catherine Mifsud sabu li kienet inbiddlet is-serratura.

06.08.1999 Carmelo u Catherine Mifsud sabu lil Joseph Gaffarena u persuni oħra jarmu l-għamara u affarijiet oħra mit-twieqi għal ġo trakk.

20.03.2000 Maria Dolores Falzon intavolat il-kawża odjerna.

26.01.2001 Mietet Maria Dolores Falzon.

KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:

*L-inkwilinat*

20. L-ewwel Qorti bdiet biex iddikjarat li l-kwistjonijiet li tqajmu bejn il-kontendenti għandhom jiġu riżolti wara li jiġi determinat min minnhom kellu l-jedd ta' inkwilinat fir-rigward tal-fond in kwistjoni. Hija kkonkludiet li l-inkwilinat tal-fond in kwistjoni kien vestit fil-persuna ta' Monica Debarro. Qieset li wara l-mewt ta' ommha Teresa Formosa, l-inkwilinat għadda għand missierha Joseph Formosa (ir-raġel ta' Teresa Formosa) u li wara l-mewt tiegħu, peress li Monica Debarra kienet għadha qed tgħix fil-fond, il-kirja daret fuqha. B'referenza għad-definizzjoni ta' "*kerrej*" taħt il-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta enfasizzat li l-liġi hija ċara in kwantu

tipprovdi li d-dritt lokatizju jdur fuq l-ulied tal-inkwilin li jkunu qed jgħixu miegħu fil-mument ta' mewtu, u għalhekk irriteniet li Maria Dolores Falzon ma kinitx eliġibbli għal tali titolu. Inoltre b'referenza għaċ-ċedoli ta' depożitu (fuq imsemmija) irriteniet li dawn huma suffiċjenti biex jipprovaw "*bla ombra ta' dubju*" li l-inkwilinat tal-fond in kwistjoni kien vestit fil-persuna ta' Monica Debarro.

21. L-attriċi appellanti Catherine Mifsud ħassitha aggravata b'din il-konklużjoni u ssostni li l-inkwilinat tal-fond invece kien vestit fil-persuna ta' zijitha, Maria Dolores Falzon.

22. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-konklużjoni tal-ewwel Qorti kienet pjuttost simplistika. Biżżejjed telenka s-segwenti fatturi:

- Fl-ewwel lok l-ewwel Qorti naqset li tqis is-**sentenza tat-22 ta' April 1966** minn fejn jirriżulta li l-attriċi Maria Dolores Falzon fil-fatt kellha l-inkwilinat flimkien ma' ħutha (inkluż Teresa Formosa, omm Monica Debarro), u dan irrispettivament minn jekk qattx ikkontribwixxiet għall-kera jew le.

- Fit-tieni lok, il-fatt li l-kirja kienet qed titħallas permezz ta' **ċedoli** ta' depożitu jindika li s-sid ma kienx qed jaċċetta l-kirja, ossia ma kienx jirrikonoxxi li l-persuni li jabitaw fil-fond bħala li għandhom titolu ta'

lokazzjoni.

- <u>Fit-tielet lok</u>, **kemm il-konvenuti kif ukoll l-attriċi jidher li telqu definittivament mill-fond:** il-konvenuti f'Marzu 1996 u l-attriċi f'April 1998. Madanakollu ċ-ċavetta qatt ma ġiet ritornata lis-sid. Gaffarena peress li ried ifittex jibda' bil-proġett li kellu f'moħħu għażel li joffri Lm30,000 sabiex jieħu l-pussess battal kemm jista' jkun malajr. Għall-ewwel l-intiża kienet li l-aħwa Formosa jaqsmu l-flus bejniethom iżda mbagħad il-konvenuta Monica Debarro (fuq parir li ħadet) ippretendiet li l-kumpens għar-rinunzja tal-"inkwilinat" kien jispetta lilha biss stante li kienet hi li kienet ħallset l-aħħar ċedoli.

23. Fi kwalunkwe każ pero`, il-jedd tal-inkwilinat ta' Maria Dolores Falzon kien għadu jeżisti meta l-fond ġie ċedut lura lis-sid. L-ewwel Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Debarro u rriteniet li l-interess ġuridiku ta' Maria Dolores Falzon ma baqax jissussisti mal-mewt tagħha:

> *"….kif issottometta l-abbli difensur tal-konvenuti, jekk l-attriċi qed tivvanta dritt lokatizju dan id-dritt ma baqax jissussisti tul il-proċeduri u spiċċa bil-mewt tagħha stante li ġie ukoll itterminat kull dritt ta' inkwilinat. B'hekk ukoll spiċċa l-interess ġuridiku tagħha u tal-eredi tagħha in kwantu dan l-interess ma baqax jissussisti tul il-proċeduri. Din il-fehma hija kondiviża minn din il-qorti."*

24. L-attriċi appellanti Catherine Mifsud ħassitha aggravata ukoll b'din il-konklużjoni. Targumenta li l-inwilinat kien jgħajjat lil Maria Dolores Falzon u allura kwalsiasi **kumpens għar-rinunzja tal-inkwilinat** kien

jispetta lill-istess Maria Dolores Falzon u konsegwentement lilha (Catherine Mifsud) bħala l-eredi tagħha. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellanti għandha raġun għaliex ir-rinunzja tal-inkwilinat saret meta Maria Dolores Falzon kienet għadha ħajja (infatti kienet hija stess li istitwiet il-kawża). Għalhekk l-aggravju huwa fondat.

25. It-talba għall-ħlas ta' Lm30,000 iżda hija ppernjata fuq titolu **eżistenti** ta' lokazzjoni, tant li l-ewwel talba taqra hekk:

> "*Tiddikjara illi l-**attriċi tiddetjeni b'titolu ta' lokazzjoni** l-fond numru 138/139, Triq il-Vitorja, Qormi, u l-flus huma dovuti lilha u mhux lill-konvenuti konuġi Debarro.*"

Naturalment peress illi jirrizulta li l-attrici kienet ko inkwilina mal-konvenuta, hija ghandha dritt ghal nofs l-ammont li rceviet din tal-ahhar minghand is-socjeta konvenuta, allura Lm15,000 – illum 34,950 euros.

26. Fiċ-ċirkostanzi m'hemmx lok għal konsiderazzjonijiet oħra.

**DEĊIDE**

27. Għal dawn il-motivi, filwaqt li tordna li ssir il-korrezzjoni fl-okkju tas-sentenza appellata (in kwantu kunjom il-konjuġi Monica u Michael għandu jaqra "**Debarro**" u mhux "Debono"), tilqa' l-appell u għalhekk tħassar is-sentenza appellata u tikkundanna lill-konvenuti Debarro jħallsu lill-attriċi s-somma ta' Lm15,000 [issa erbgħa u tletin elf, disa' mija u

ħamsin euros (34,950 euros)] bl-imgħaxijiet kif mitluba.

28. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi (peress li l-Qorti se tilqa' t-talba ghal nofs ($^1/_2$) l-ammont mitlub) għandhom jitħallsu nofs ($^1/_2$) mill-appellanti u nofs ($^1/_2$) mill-konvenuti appellati.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm